MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2066/1998/1

Brian **EBEJER**

vs

Dennis **DEGIORGIO**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta’ Ottubru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (i) ssib li, b’ittra miktuba fid-29 ta’ Lulju, 1998, u indirizzata lill-President tal-Kamra tal-Periti, l-imħarrek immalafamah bil-ħsieb li jtelliflu jew inaqqaslu l-fama tiegħu jew li jtebbagħlu l-professjonalita’ tiegħu; u (ii) tikkundannah iħallsu dik is-somma li l-Qorti jogħġobha tillikwida bħala

danni u riparazzjoni minħabba dak l-għamil. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-26 ta' Marzu, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-ittra m'hijiex libelluża iżda kienet issemmi fatti sostanzjalment minnhom, kif kellu jintwera waqt is-smigħ tal-kawża, u kif ukoll kummenti misluta minn dawk il-fatti li jikkostitwixxu kumment ġust ("*fair comment*");

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Ottubru, 1999[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Ottubru, 1999, li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-21 ta' Ottubru, 1999, reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll quddiem il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar libell famuż. L-attur jgħid li l-imħarrek inġurjah billi tah isem ħażin fil-professjoni tiegħu ta' perit u tebbagħlu l-professjonalita' tiegħu b'kummenti li għadda f'ittra li l-imħarrek bagħat lill-korp regolatur tal-professjonali tal-Periti. L-attur qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni għall-ħsara li ġabitlu dik l-ittra tal-imħarrek;

[1] Paġ, 17 tal-proċess

Illi l-imħarrek laqa' billi ċaħad li lill-attur illibellah għaliex dak li hu kiteb fl-imsemmija ittra kien, sostanzjalment, fatti ta' ġrajja li seħħew u fihom kummenti mibnija fuq dawk il-fatti li jikkostitwixxu komment ġust;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrek huwa sid ta' ġid fil-qasam ta' Santa Maria Estate fil-Mellieħa. F'xi żmien wara l-1990[2], l-art ta' ħdejn il-ġid tal-imħarrek inħarġilha permess għal żvilupp. L-attur kien il-perit arkitett li fassal il-pjanti ta' dak l-iżvilupp u kien imqabbad mis-sid, wieħed Charles Dalli, biex jissorvelja l-imsemmija xogħlijiet;

Illi wara li nbdew ix-xogħlijiet, l-imħarrek innota xi ħsarat fil-ġid tiegħu u ħatar perit ħabib tiegħu biex jagħti daqqa t'għajn[3]. Bis-saħħa ta' rapport li sar, l-Awtorita' tal-Ippjanar waqqfet ix-xogħlijiet bi ħruġ ta' Ordni ta' Infurzar fis-16 ta' Jannar, 1997[4], wara li applikazzjoni ta' Dalli biex isiru bdil fil-pjanti approvati ma ntlaqgħetx[5]. Dalli reġa' applika matul l-1998, u nħariġlu permess[6] li ssanzjona l-bini kollu u li, bis-saħħa tiegħu, tneħħa l-Ordni ta' Infurzar;

Illi, sadattant, fid-29 ta' Lulju, 1998[7], l-imħarrek bagħat ittra taħt il-firma tiegħu lill-President tal-Kamra tal-Periti biex jistħarreġ lill-attur u biex jieħu kontrih il-passi li jidhirlu xierqa. Fl-imsemmija ittra, l-imħarrek xela lill-attur li "*is still persisting with erecting an illegal building ... notwithstanding a stop order from the Planning Authority*" u li l-attur "*did not plan and supervise the works according to the best of his knowledge*". Kopja tal-ittra ntbagħtet lill-attur u lill-Perit Godwin Cassar (li dak iż-żmien kellu kariga esekuttiva fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar);

Illi fis-6 ta' Awissu, 1998[8], l-attur interpella lill-imħarrek b'att ġudizzjarju biex jirtira bil-miktub il-kummenti li kien għamel fl-ittra msemmija. L-imħarrek ma rtirax il-

[2] Applik. 3059/90, permess maħruġ fis-16.1.1991
[3] Xhieda tal-A.I.Ċ. Charles Cassar 20.3.2002, f'paġ. 91 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Charles Gafa' 20.3.2002, f'paġ. 88 tal-proċess
[5] Applik. 388/97
[6] Applik. 5120/98 fl-14 .7.1999
[7] Dok "AD1", f'paġ. 5 tal-proċess
[8] Dok "AD2", f'paġ. 7 tal-proċess

kummenti u lanqas bagħat l-ittra kif intalab jagħmel. Fl-14 ta’ Ottubru, 1998, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ billi tirrileva li, fil-każ tal-lum, il-ħsara li l-attur jgħid li ġarrab kienet maħluqa minn ittra mibgħuta mill-imħarrek. Dik l-ittra ntbagħtet lill-President tal-Korp ta’ superviżjoni tal-professjoni li minnha jagħmel l-attur – jiġifieri l-Kamra tal-Periti. Ta’ min jirrileva wkoll li, minbarra li ntbagħtet kopja tagħha lill-attur innifsu, ntbagħtet ukoll kopja lil persuna eżekuttiva fi ħdan awtorita’ pubblika – jiġifieri l-Awtorita’ tal-Ippjanar (kif kienet għadha magħrufa dak iż-żmien) li quddiemha kien hemm pendenti l-każ tal-iżvilupp li fih l-attur kien imdaħħal fil-kwalita’ professjonali tiegħu;

Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-ittra kitibha l-imħarrek;

Illi l-element ta’ pubbliċita’ huwa wieħed mit-tliet ingredjenti ewlenin li jsejsu l-azzjoni tal-libell. Kemm hu hekk, l-aspett tal-oġġett pubblikat jew imxandar li jingħata pubbliċita’ joħloq waħda mid-distinzjonijiet magħrufa bejn il-libell risarċibbli fl-azzjoni ċivili mill-malafama maħsuba taħt id-dritt penali. Minbarra dan, l-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili, tant illi t-tnejn jistgħu jsiru separatament[9], u huwa meqjus li għandhom finalita’ distinta[10]. Il-ligi tagħna[11] tfisser bħala “pubblikazzjoni” kull att stampat li jiġi jew jista’ jiġi komunikat jew imgħarraf lil xi persuna;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, it-tifsira mogħtija fil-liġi tagħna għandha ta’ bilfors titfisser fid-dawl ta’ l-għanijiet speċjali li jimmira għalihom l-Att dwar l-Istampa, jiġifieri li jagħti ħarsien lil individwu milli jiġi mżeblaħ jew malafamat minn xi ħaddieħor b’mezz stampat jew b’xandira. Għalhekk, għalkemm il-kelma “pubblikazzjoni” tidher li tingħata tifsira wiesgħa fil-liġi tagħna biex tinkludi kull ma hu miktub, jidher li huwa ovvju li ittra privata mibgħuta minn persuna lil persuna oħra ma tgħoddx bħala pubblikazzjoni għall-

---

[9] Art. 27, Kap. 248
[10] Ara App. Ċiv **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi*** (i*n parte*, mhix pubblikata)
[11] Art. 2, Kap 248

finijiet tal-liġi, jekk kemm-il darba, fl-istess ħin, ma tiġix jew mhux probabbli li tiġi jew taqa' f'idejn terza persuna[12]. Li kieku wieħed ifisser il-liġi mod ieħor, ma jista' jkun hemm xejn li ma jistax ikun "ippubblikat" jew "imxandar";

Illi l-awturi ewlenin meta jqisu t-tifsira mogħtija lil-liġi ta' l-Istampa li minnha hija meħuda u miruta l-liġi tagħna, jissuġġerixxu li, fil-każ ta' ittri privati, jinhtieg li jiġu meqjusa tliet konsiderazzjonijiet ewlenin: (a) il-mod kif titwassal l-ittra; (b) il-mod kif tkun indirizzata u (ċ) l-għarfien tal-mittenti dwar il-proċedura tad-destinatarju dwar il-ftuħ ta' l-ittri li jirċievi[13]. Jekk kemm-il darba ittra privata tintbagħat bis-servizz postali, m'hemmx presunzjoni tal-pubbliċita'. Il-prova ta' l-impustar ta' ittra toħloq presunzjoni *prima facie* illi l-ittra waslet għand min kienet indirizzata, u mhux għand ħaddieħor[14]. L-imsemmija awturi jgħallmu li ... "*the rule is that the sender of a letter is only liable for the publication of its content to the person to whom it was addressed unless, at the time of sending the letter, he knew or ought to have known that it was likely to be opened by other persons. ... In the same way the writer would not be liable for the publication of a letter defamatory of the person to whom it is addressed which is opened by his inquisitive butler, unless the sender knew that the addressee had a butler whose duty it was to open letters*"[15];

Illi fil-każ preżenti jirriżulta li l-imħarrek bagħat ittra lil terza persuna fil-kapaċita' uffiċjali tagħha ta' President tal-Kamra tal-Periti. Bagħat ukoll kopja lil persuna eżekuttiva ta' awtorita' pubblika. L-għan tal-ittra kien biex l-allegazzjonijiet li kienu nkitbu fiha jkunu mistħarrġa u biex jittieħdu l-passi meħtieġa fil-konfront tal-attur. L-ittra ma fihiex biss denunzja ta' xi fatt li kien qed jurta lil min kitibha, iżda wkoll kummenti b'ġudizzju dwar l-imġiba professjonali tal-attur u l-ħila professjonali tiegħu. L-attur sar jaf b'dik l-ittra minħabba li l-imħarrek innifsu ikkupjah

[12] Ara P.A. JSP **7.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet *Dr. Joseph M. Ċiappara vs Joseph Żammit* (sentenza *in parte*, mhux pubblikata)
[13] Carter –Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) pagni 61-62
[14] Ara sentenza ***Huth vs Huth*** (1915) KB
[15] Carter-Ruck *op.cit.* paġ. 61

biha, u minnufih l-attur ħa l-passi biex l-imħarrek awtur jirtira l-kummenti;

Illi dawn l-elementi ta' fatt huma biżżejjed biex iwasslu għall-fehma li l-ittra kienet "pubblikazzjoni" fis-sens maħsub fl-Att tal-Istampa;

Illi l-ilment tal-attur dwar il-malafama li ġabitlu l-ittra miktuba mill-imħarrek jinbena fuq il-fatt li, minbarra l-element ta' denunzja li l-ittra fiha, matulha saru xi kummenti dwar il-ħila u l-integrita' professjonali tiegħu, liema kummenti ssejsu fuq fatti li l-attur jisħaq li ma kinux minnhom. L-attur ma jidhirx li kellu problema fuq l-element ta' denunzja fih innifsu, daqskemm fuq il-kummenti msemmija, u dan għaliex kienu indirizzati lil korp professjonali – l-Kamra tal-Periti – li, kieku qagħad fuqhom, seta' imponielu sanzjonijiet li jolqtu sewwa l-eżerċizzju professjonali tiegħu ta' perit, minbarra li jitfgħu dawl ikreh fuq l-integrita' tiegħu u l-mod kif jimxi fil-qadi tas-sejħa professjonali tiegħu. Mill-atti tal-kawża, ħareġ li l-Kamra tal-Periti ma mexxiet l-ebda proċeduri kontra l-attur fuq il-bażi tal-ittra mibgħuta lilha mill-imħarrek[16] u lanqas jirriżulta li kopja ta' l-ittra ġiet f'idejn klijenti tal-attur jew nies oħrajn li, potenzjalment, setgħu kienu klijenti tiegħu;

Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li l-frażijiet fl-ittra li minnhom jilminta l-attur huma "*The above mentioned architect, is still persisting with erecting an illegal building over plots 178/180, Sta Maria Estate, Mellieħa, notwithstanding a stop order from the Planning Authority*"; "*Surely Mr Ebejer did not plan and supervise the works according to the best of his knowledge*"; u "*I am raising this case of breech* (sic) *of professional conduct, negligence and irresponsible behaviour to the Chamber of Architects, by Mr Ebejer since acts like this surely harm your profession*";

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jistrieħ fuq żewġ difiżi biex iwarrab l-akkuża li l-ittra li kiteb kienet libelluża jew malafamanti fil-konfront tal-attur: fl-ewwel lok, jiddikjara li

[16] Xhieda tal-attur 22.5.2000, f'paġ. 29 tal-proċess

l-ittra tinbena fuq fatti li ġraw u li huwa seta' jipprova ("*exceptio veritatis*"); filwaqt li fit-tieni lok, huwa jistkenn wara d-difiża tal-kumment ġust. Min-natura nfushom taż-żewġ eċċezzjonijiet, irid jintwera li l-fatti attribwiti jkunu sostanzjalment minnhom. Minbarra dan, fiż-żewġ suriet ta' difiża mqanqla mill-imħarrek, il-piż tal-prova tal-fatt attribwit jaqa' fuq l-imħarrek u jkun naqas minn dak id-dmir – u għalhekk jiġi passibbli għas-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi – jekk jirriżulta li dak li jkun semma ma jkunx jaqbel mal-verita' sostanzjali u huwa ma jkunx wettaq l-istħarriġ meħtieġ biex jagħraf x'kien fis-sewwa l-fatt li seħħ[17];

Illi dwar id-**difiża tal-verita' tal-fatti ("*plea of justification*")**, irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbilta' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabilit li "*in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified*"[18];

Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. "*A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding*

[17] P.A. PS **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Lawrence Pulliċino vs Victor Camilleri noe et*** (appellata)
[18] Carter-Ruck *op.cit.* paġ. 86

*upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages*"[19];

Illi l-Qorti ma jgħaddilhiex minn moħħha li l-imħarrek ma kienx imġarrab minn dak li kien qed jiġri fis-sit li jmiss ma' ħwejġu. Jidher ukoll evidenti mix-xhieda tiegħu li kien hemm episodji ma' sid is-sit li kienu ilhom joħolqu tensjoni fuq medda ta' żmien. Seta' kien hemm ukoll xi biżgħa dwar ħsarat li kienet se' ġġarrab il-villa tiegħu u li x-xogħlijiet setgħu baqgħu mexjin minkejja l-ħruġ tal-Ordni tal-Infurzar. Madankollu, ma jistax jingħad li l-ġabra ta' dawn iċ-ċirkostanzi jissarrfu fil-prova waħedha tal-fatti attribwiti lill-attur, b'mod partikolari dwar il-ħila tiegħu professjonali jew imġiebtu matul dak iż-żmien kollu. Dan l-atteġġament tal-imħarrek baqa' sejjer ukoll waqt l-għoti tax-xhieda matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja meta, dwar l-attur u mġiebtu, baqa' jsejjaħlu "*niente di bene, niente di bene*"[20];

Illi l-imħarrek ma weriex li l-attur kien qiegħed jisħaq li l-bini tal-klijent tiegħu jibqa' jittella' bi ksur tal-liġi. Lanqas ma wera li l-attur ma fassalx jew ma ippjanax il-bini jew li naqas li jissorvelja x-xogħlijiet. Għall-kuntrarju, huwa xehed li stqarr li ra lill-attur fuq is-sit, filwaqt li l-permessi tal-iżvilupp tas-sit inħarġu fuq pjanti mressqa mill-attur. L-imħarrek lanqas wera li l-attur kien traskurat f'xogħlu, u x-xhud Charles Cassar[21] (perit arkitett huwa wkoll), imtella' minnu, ma lissen l-ebda kelma dwar in-nuqqas ta' ħila jew disinteress professjonali tal-attur fuq dak ix-xogħol, iżda għall-kuntrarju, iddikjara għal darba darbtejn kemm kien diffiċli u imprevedibbli t-terren f'dawk l-inħawi li fih kien qed isir ix-xogħol li minnu lmenta l-imħarrek. L-Ordni tal-Infurzar ħarġet kontra sid is-sit u mhux kontra l-attur, u meta l-imsemmi sid qabeż il-limiti tal-bini billi ma beniex skond il-pjanti approvati, l-attur wettaq id-dmir tiegħu billi reġa' issottometta pjanti magħmulin minnu, għal darba darbtejn, biex il-bini mtella' jkun jaqbel mal-pjanti approvati. L-imħarrek naqas li jipprova li l-attur ta lis-sid

[19] Carter-Ruck *op.cit.* paġ. 90
[20] Xhieda tal-imħarrek 23.10.2000, f'paġ. 46 tal-proċess
[21] Xhieda tal-A.I.Ċ. Charles Casar 20.3.2002, f'paġġ. 91 – 2 tal-proċess

ordni biex ikompli bix-xogħlijiet, minkejja l-ħruġ tal-Ordni tal-Infurzar;

Illi l-Qorti sejra tqis issa d-**difiża tal-kumment ġust ("*fair comment*")**. Kif diġa' ngħad, biex din id-difiża tgħodd, trid tkun mibnija fuq fatti li ġraw u mhux fuq fatt mistħajjel jew mgħawweġ skond il-fehma ta' min ikun qed jagħmel il-kumment inġurjuż. F'dan il-każ, il-kumment li jattribwixxi l-imħarrek jikkonsisti fi kritika tal-imġiba professjonali tal-attur. Huwa mgħallem, li biex tkun tajba, d-difiża tal-kumment ġust trid tintwera li l-bażi ta' kull kritika jew kumment li ssir taħtha jinbnew fuq fatti li "ikunu vera fil-kompletezza tagħhom"[22];

Illi huwa stabilit ukoll li biex tirnexxi d-difiża tal-kumment ġust, irid jintwera li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun[23]. Il-Qorti tifhem li din il-linja ta' interpretazzjoni meħuda mill-Qrati Maltin tista' titqies bħala rigoruża u stretta, meta mqabbla mal-fehmiet ta' awtoritajiet jew duttrina evoluta fl-aħħar żminijiet[24], l-iżjed fejn jidħol l-aspett tal-fatti li jsawru jew jagħtu l-bidu għall-kumment li jkun sar;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, joħroġ li l-fatti li nisslu l-kummenti tal-imħarrek fl-ittra tiegħu (lil hinn mill-qafas ta' fatti oħrajn ġenerali li jagħmlu mill-ġrajja mqallba tal-iżvilupp tas-sit li jmiss mal-ġid tal-istess imħarrek) ma jirriżultawx, u wisq anqas, għalhekk, ma jista' jingħad li l-kummenti mnissla minn dak in-non-fatt imisshom jitqiesu bħala ġusti. F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tinqeda bil-kliem ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) f'każ jixxiebah ma' dan fejn ittra kienet

[22] App. Ċiv. **21.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Fenech pro et noe vs Anthony Montanaro et*** (mhix pubblikata)
[23] Ara App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Saviour Balzan***
[24] Ara, b'eżempju, Gatley on Libel & Slander (10th Edit, 2004), §§ 12.7 – 12. 14

intbagħtet lil teza persuna biex tmaqdar persuna professjonista dwar il-mod kif wettqet xogħolha. F'dik is-sentenza ngħad: "*Il-konvenut mhux biss jattribwixxi lill-attur inkompetenza w ineffiċjenza grassa fix-xogħol tiegħu, imma wkoll jakkużah li huwa diżonest u merċenarju. ... Ma jista', taħt l-ebda ċirkostanza, u b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni jiġi kwalifikat diskors simili bħala 'fair comment'. Jista' biss jiġi kwalifikat bħala inġurja gravi maħsuba biex tnaqqas l-unur tal-attur f'għajnejn ħaddieħor. L-intenzjoni tal-konvenut li jagħmel proprju dan, u jikkaġuna ħsara lill-attur, toħroġ mill-fatt li hu bagħat kopja tal-ittra lil ... , li magħha l-attur ikollu, ... konnessjonijiet ta' xogħol spiss u mill-qrib. Li kien jiddependi mill-konvenut, il-ħsara materjali lill-attur saret. Jekk ma saritx, hu biss mertu tal-fama akkwiżita ta' integrita' u rettitudni tal-attur... . Għall-fini ta' likwidazzjoni ta' danni, dan l-aspett hu irrilevanti, in kwantu d-danni, f'dan il-każ, mhux neċessarjament ikunu rejali u attwali, imma jistgħu jkunu biss ta' indole morali*"[25];

Illi meta l-Qorti terġa' tqis il-provi mressqa mill-imħarrek u tkejjilhom mal-konsiderazzjonijiet li għamlet dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet minnu mressqa, hija tasal għall-fehma li l-imħarrek ma seħħlux juri li mqar waħda minnhom hija tajba. Dwar l-ewwel eċċezzjoni, naqas li juri li, sostanzjalment, il-fatti kienu kif qal li huma; f'tat-tieni, għaliex l-eċċezzjoni ma żżommx jekk il-fatti ma jkunux minnhom;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-imħarrek wettaq malafama lill-attur bl-ittra mibgħuta minnu u l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi **għar-rigward tal-kumpens tad-danni mġarrba** għandu jiġi osservat li l-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata[26]. F'dan ir-rigward, jidher li l-kriterju għaqli li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-

---

[25] P.A. JSP **3.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph M. Ċiappara vs Joseph Żammit*** (mhix pubblikata)
[26] Art. 28(1) tal-Kap 248

sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[27];

Illi l-Qorti qegħda tqis, fost l-oħrajn, li l-fatti allegati mill-imħarrek irriżulta li m'humiex minnhom, illi l-ittra kienet maħsuba li ġġib sanzjoni fuq l-attur fil-ħidma li biha jaqla' l-għixien tiegħu, u li l-imħarrek ma wera l-ebda sogħba għar-rimarki li għadda fil-konfront tal-attur, minkejja li kien mistieden li jagħmel dan ukoll b'att ġudizzjarju, sa minn qabel ma nfetħet il-kawża[28] ;

Illi, meħuda dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur minħabba fl-inġurja mġarrba fis-somma ta' elf euro (€ 1,000);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek billi m'humiex tajbin fil-fatt u fil-liġi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek immalafama lill-attur b'ittra li huwa kiteb fid-29 ta' Lulju, 1998, u bagħatha lill-President tal-Kamra tal-Periti u dan bil-għan li jtellef u jnaqqas il-ġieh tal-attur u jtebbagħlu l-professjonalita' tiegħu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur s-somma ta' elf euro (€ 1,000), bl-imgħaxijiet legali fuq din is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

---

[27] P.A. **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.87**) u App. Ċiv. **29.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Rev. Ġorġ Aquilina vs Anton F. Attard***
[28] Art. 28(2) tal-Kap 248

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------